# 58. Il-Qtugħ tat-Tin

Ħalli ’l ħaddieħor jixtri t-tin mill-qoffa
mingħand tal-ħaxix u jgeżwru ġewwa l-karti,
u jaħslu sew, u fuq il-mejda jieklu
bil-kuċċarina.

Jien, ngħid għalija, t-tin irrid li nieklu
mis-siġra dritt. Erħili naqta’ waħda
li tlellex vjola qalb il-weraq aħdar
mill-ewwel fergħa,

U tnejn minn dik ta’ ħdejha, u nibda nqaxxar,
niekol u ntiegħem; nerġa’ mmid idejja
għal fergħa qrib, u nsib boton ta’ sitta,
il-misjur nagħżel,

’Il fuq inħares, u fuq l-ogħla fergħa
jien nilmaħ waħda mxaqqa tliegħeb l-għasel,
u nogħla fuq saqajja, l-fergħa nġebbed
sakemm naqtagħha.

Qaxxar u kul, tiegħem il-benna u tgħaxxaq,
u irfes l-art minn fejn is-siġra saffet
is-sugu ta’ ġot-tin, ilmaħ is-sema
minn fejn hi ġibdet

Il-vjola fuq il-frott, l-aħdar fil-weraq,
u l-ixheb fuq iz-zkuk... qaxxar u kul,
neħħi tas-sajf in-nixfa, ħobb is-siġra
sew kif int tħobb

Il-baqra bil-ħalib u kull qalb tajba.
Min qata’ t-tin mis-siġra ġewwa l-għalqa
f’għaxija tas-sajf tagħna jista’ jifhem
dak li nħobb jien!